Minuti tas-sittax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 02 ta' Diċembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużata:- | Kunsilliera: | Demelsa Grech |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 15/7 (18 ta' Novembru 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Triq il-Kbira - kontijiet
   b. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

5. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress

6. Milied 2013 u l-Ewwel tas-Sena 2014
   a. Programm t'attivitajiet u baġit

7. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti</u>**

**<u>a. Minuti 15/7 (18 ta' Novembru 2013)</u>**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 15/7 li saret fit-18 ta' Novembru 2013 li ġew ċirkulati qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-minuti 15/7 ġew approvati nem con.

**2.0 <u>Kommunikazzjonijiet</u>**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku qal li kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun li saret fl-24 t'Ottubru 2013. Is-Sindku qal li għamel dak kollu possibli sabiex l-interess tal-Kunsill jiġi mħares u dan kif jidher aħjar mill-minuti tal-laqgħa li ġew ċirkulati b'mod elektroniku għand il-Kunsillieri kollha.

Is-Sindku qal, li dwar l-aħħar laqgħa ma kienx hemm quorum iżda fil-laqgħa preċedenti huwa kien talab sabiex jingħata rendikont dwar iċ-ċitazzjonijiet kull xahar u b'hekk ikun hemm kontroll ta' kemm ir-Reġjun għandu jħallas lill-Kunsill.

2.1.2 Ħtieġa ta' mirja f'partijiet tal-Gudja. a.Triq Ħal Far; b. Triq Sta Katarina ktr ma' Triq San Ċiru; c. Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa ta' dawn il-mirja sabiex jonqos il-periklu għat-traffiku speċjalment meta l-vetturi jkun jaqsmu, ħerġin jew deħlin u ma jkollhomx il-viżibilita' meħtieġa u għalhekk il-mirja jgħejnu li jkun hemm din il-viżibilita u jonqos il-periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-pedestrians.

2.1.3 Tabelli madwar Ġnien Glormu Cassar (Tax-Xlejli). Is-Sindku qal li peress li ħafna minn dawn it-tabelli m'għandhomx jintarfu hemm il-ħtieġa li jinbidlu u jsiru ġodda u li jkunu jistgħu jinqraw aħjar.

2.1.4 Bollards. a. Triq San Ċiru ktr ma' Triq Bettina b. Triq il-Kbira ma' Wesgħet Anġlu Dalli. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa ta' dawn il-bollards sabiex ikun hemm sewqan ahjar u ħarsien tal-proprjeta.

2.1.5 Sinjali tat-traffiku fil-pjazza u parkeġġ aħjar ħdejn l-iskola Primarja fi Triq San Mark. Is-Sindku qal li peress li l-bendy buses mhux qed jgħaddu iżjed mill-pjazza prinċipali tal-Gudja, s-sinjali jistgħu jiġu organizzati aħjar u b'hekk jiżdied l-ispazju għal parkeġġ. Saret diskussjoni dwar dan u sar qbil li jista' jiżdied parkeġġ għal karozza waħda bejn l-ewwel garage u ħdejn il-kampnar fi Triq William Baker (lejn il-bieb tal-bitħa tal-iskola).

Sar qbil ukoll illi l-parti t'isfel faċċata tal-iskola fi Triq W. Baker biswit Ġnien R. Caruana tiġi magħluqa biss għat-traffiku f'ħinijiet meta t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskola iżda l-ebda vettura ma tkun tista' tiċċaqlaq waqt il-ħinijiet meta t-tfal ikunu ħerġin jew deħlin l-iskola.

Il-Kunsill ikkonsidra ukoll ix-xiri ta' barriers ħfief li jkunu jistgħu jitpoġġew jew jinqalgħu b'mod faċli mill-impjegati tal-iskola fil-ħinijiet meħtieġa għal-ħarsien tat-tfal u ta' dawk li jkunu fl-inħawi.

2.1.6 Ħarġa għal Għawdex fl-14 ta' Diċembru 2013. Is-Sindku qal li din il-ħarġa hija popolari u hemm ħafna nies li jsaqsu għaliha speċjalment li l-Villaġġ ta' Betlehem f'Għajnsielem sejjer jerġa jiftaħ. In-nefqa għal-Kunsill sejra tkun dik fuq bażi tas-snin l-imgħoddija iżda fil-fehma tal-Kunsill din il-ħarġa għandha skop soċjali u għalhekk hija ukoll fil-funzjoni tal-Kunsill.

2.1.7 Xiri ta' van. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa ta' xiri ta' van peress li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ikollhom il-ħtieġa iżommu kemm il-materjal u għodda sabiex iwettqu xogħlijiet meħtieġa fil-Gudja. Saret diskusjoni u sar qbil li l-Kunsill għalissa

għandu jinqeda bil-kiri każwali ta' van skond il-kuntratt eżistenti u li għandu jiġi taħt l-iskrutinju tal-Kunsill sabiex jiġi assigurat li l-kiri tal-van ikun kif ikun meħtieġ u mhux bħala attivita kostanti li tikkawża spiża żejda għal Kunsill.

2.1.8 Kiri ta' garage. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa li jinkera garaxx għal ħtiġijiet tal-Kunsill. Saret diskussjoni u sar qbil li għalissa l-Kunsill jista' jgħaddi mingħajr garage.

2.1.9 Nies mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li jagħmlu xogħol mal-Kunsill. Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat mill-Awtoritajiet sabiex il-Kunsill jaċċetta xi persuni li jkunu waslu fi tmiem li jiskontaw sentenza u b'hekk ikunu f'qagħda aħjar li jintegraw fis-soċjeta.

Saret diskussjoni u l-Kunsill talab iżjed informazzjoni dwar din il-proposta speċjalment dwar kif dawn il-persuni jiġu fuq il-post tax-xogħol u jirritornaw lura, dwar l-ikel u dwar kundizzjonijiet ta' xogħol li jkunu jistgħu jagħmlu dawn il-persuni.

2.1.10 Christmas Tree għall-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu l-ħtieġa li tinxtara din is-siġra peress li dik is-siġra li kellu spiċċat fi stat ħażin u għalhekk kellha tintrema. Din is-sigra m'għandix taqbeż l-ispiża ta' €100.00.

2.1.11 Vjal it-Torri il-Gudja. Is-Sindku qal li ġie infurmat li x-xogħol li kien inbeda qabel id-09 ta' Marzu 2013 iżda li iffaċċja proplemi peress li parti mitt-riq ma kienitx art pubblika sejjer jitkompla f'Jannar 2014. Is-Sindku qal li jista' jinqala l-każ li jkun hemm ħtieġa li jinbena ħajt u dan issir mit-TM.

2.1.12 Riċeviment mill-Kunsill qabel il-Milied u ikla tal-Milied għal Kunsilliera, ħaddiema amministrattivi u l-partners. Is-Sindku qal li dawn għandhom jimxu skond kif indikat fil-memo 29/2013 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u b'hekk l-infieq ikun awtorizzat. Is-Sindku qal li jixtieq li kulħadd jattendi għal dawn l-attivitajiet li d-dati magħżula ikunu tajbin għal kulħadd.

2.1.13 Laqgħa mal-Pulizija. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-CID fejn ġiet diskussa l-problema tad-droga. Is-Sindku qal li fl-inħawi ta' wara s-Saint Patricks' Athletics Club m'hemmx dawl u dawn l-inħawi qed iservu għall-abbuż.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb lill Pulizija dwar dan l-abbuż u dwar li l-inħawi jinsabu bla dawl sabiex b'hekk il-Pulizija tkun tista' tieħu passi kif ukoll titlob lill Awtoritajiet konċernati sabiex jagħmlu ukoll id-dawl meħtieġ.

2.1.14 Servizz ta' Wardens mir-Reġjun. Is-Sindku qal li sar ftehim li meta l-Kunsill ikollu bżonn servizz ta' wardens għal xi attivita li jkun qed jorganizza mir-Reġjun mingħajr ħlas għal Kunsill.

2.1.15 Għotja mir-Reġjun. Is-Sindku qal li sar qbil li r-Reġjun jagħti għotja ta' €500.00 dwar kotba u xi attrezzi fil-Librerija tal-Kunsill.

2.1.16 Vacation Leave. Is-Sindku qal illi minħabba l-eżigenzi tax-xogħol amministrattiv fil-Kunsill ma kienx possibli illi ż-żewġ impjegati fl-amministrazzjoni jieħdu l-leave kollu matul is-sena kurrenti u għalhekk kien qed jipproponi li l-leave li fadal jinġar għas-sena 2014 b'dan il-mod.

a. Joseph M Formosa – 96 siegħa
b. Antoinette Azzopardi – 56 siegħa

Il-Kunsill qabel ma' dak li ippropona s-Sindku u stqarr li dan il-postponiment tal-Leave ma għandux jfixkel il-ħidma tal-Kunsill kif meħtieġa.

NB: F'dan l-istadju l-Viċi Sindku ikkonċeda li l-Kunsillier Stefan Caruana jagħmel il-kommunikazzjonijiet tiegħu. Il-Viċi Sindku qal li kien qed jipproponi u jaqbel li l-Kunsillier S. Caruana jindirizza lill-Kunsill peress li jidher li għandu bżonn ħin sewwa sabiex jinforma lill-Kunsill dwar il-ħidma fid-dekasteru tiegħu.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:

2.2.2 Kunsillieri

b. Stefan Caruana

i. Attivita f'Birmiftuħ. Il-Kunsillier S. Caruana ippreżent rapport dwar din l-attivita. Is-Sur Caruana ippreżent lista ta' nfieq li t'ammonta €400.00 Saret diskussjoni u deliberazzjoni dwar din in-nefqa u wara l-Kunsill approva din in-nefqa u awtorizza l-pagamenti rispettivi.

ii. Programm Erba' Staġuni. Is-Sur Caruana informa l-Kunsill dwar il-kontenut ta' dan il-programm. Is-Sur Caruana qal li qed issir tentattiv sabiex dan il-programm jiġi kunsidrat mal-programm nazzjonali tal-V18 sabiex b'hekk il-Gudja tkun qed ukoll tipparteċipa fi programm ta' portata nazjonali li taghti ġieħ lill-Gudja u lill-Malta kollha. Is-Sur Caruana qal ukoll illi l-Kunsill kien ukoll qed japplika għal fondi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata fondi dwar dan il-programm.

iii. Programm dwar il-Milied 2013 u bidu tas-Sena 2014 sas-06 ta' Jannar 2014 (Epifanija).

- ❖ Dawl fit-toroq ewlenin tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li d-dawl u tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin tal-Gudja jingħata lis-Soċjeta Filarmonika La Stella, Għaqda Mużikali Marija Assunta u l-Grupp Armar Santa Marija b'direct order rispettivmanet sabiex kull organizzazzjoni tkun responsabbli għal dik il-parti tat-triq kif indikat u dan bi prezz ta' €1,110.00 għal kull organizazzjoni /soċjeta li kollha jinsabu ġewwa il-Gudja.

- ❖ Kunċert Birmiftuħ fid-19 ta' Diċembru 2013. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill qed jaħdem dwar dan għaliex jidher li dan il-kunċert huwa popolari ferm man-nies u r-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm bibita u ftit ħelu għal min jattendi.

- ❖ Milied ta' Dari –fit-22 ta' Diċembru 2013. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill kien qed jaħdem dwar dan il-programm (ara Dok 'A' ma' dawn il-minuti) u stieden kemm lis-Sindku kif ukoll lill-Kunsilliera kollha sabiex jingħaqdu miegħu, jattendu u jipparteċipaw f'dan il-programm popolari. Is-Sur Caruana irringrazzja lil Viċi-Sindku is-Sur Baldacchino u lill-grupp ta' voluntiera li qed jaħdmu u jikkoperaw miegħu dwar dan il-programm.

- ❖ Stima t'infieq għal programm Milied 2013 u bidu tas-sena 2014 sas-06 ta' Jannar 2014 (Epifanija). Il-Kunsill qabel li n-nefqa komplessiva (li tinkludi dik dwar id-dawl u tiżjin tat-toroq m'għandix taqbeż is-sitt elef ewro (€6,000.00)

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Tiżjin tal-Milied fil-Housing Estate tal-Mitħna u toroq oħra ġewwa il-Gudja. Il-Viċi-Sindku qal illi għal sena oħra dan sar mill-voluntier Charles Zammit u għalhekk xtaq juri l-apprezzament tiegħu u tal-Kunsill għal ħidma volontarja tas-Sur Zammit. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u ippropona li titbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Zammit. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntrattur Nexos jiġi mqabbad sabiex jagħti servizz ta' lifter u għajnuna oħra sabiex jitwaħħal dan it-tiżjin li jieħu ħsiebu is-Sur Zammit.

b. Serq ta' żewġ motifs, proprjeta tal-Kunsill li kienu jinsabu fir-roundabout quddiem Palazzo d'Aurel. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien diġa għamel rapport lill-Pulizija dwar dan u ippropona li l-Kunsill jagħmel press release lill-media kollha sabiex jikundannaw dan l-att vandalu u jeżiġi li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jinqabad min għamel dan l-att barbaru u goddard. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien informa ukoll lill-ELC dwar dan u talab l-għajnuna tal-ELC sabiex dan il-kuntrattur li huwa ukoll responsabbli sabiex issebbaħ din ir-roundabout ipoġġi żewġ motifs oħra sabiex jagħmlu tajjeb għal dawk li insterqu. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak kollu li qal il-Viċi-Sindku is-Sur Baldacchino.

c. Xogħol ta' tisbieħ f'Wesgħet Anglu Dalli (bellveder) u Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino ippropona li jinxtraw żewġ bankijiet u żewġ bustbins u siġar sabiex iżejnu u joħolqu ambjent aħjar f'dawn l-inħawi. Is-Sur Baldacchino qal li s-somma ta' €1000.00 li ġiet mwegħda mill-GreenPak sejra tintuża sabiex tagħmel tajjeb għal parti minn din in-nefqa li hija kunsidrata bħala investiment għal ambjent aħjar ġewwa il-Gudja. Il-Kunsill qabel u approva unanimament dwar dak li qal il-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino.

d. Xiri ta' siġra Awrekarja għal Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill qabel li tinxtara din is-siġra għas-somma ta' €29.50 u titpoġġa fuq in-naħa tal-latrini ġewwa Ġnien R. Caruana.

e. Xogħol ta' titjib fi Ġnien R. Caruana u upgrade fl-inħawi tal-grawnd u sports centre tal-Gudja United FC ħdjen Palazzo d'Aurel. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li jikteb u jitlob lil Ministru tat-Trasport Onor Joe Mizzi sabiex jgħin lil Kunsill dwar dawn ix-xogħlijiet meħtieġa. Il-Kunsill huwa tal-fehma li kemm fi Ġnien R. Caruana kif ukoll fl-inħawi tal-grawnd tal-Gudja United FC hemm ħtieġa kbira ta' riġenerazzjoni u għalhekk l-għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll dik dwar riżorsi umani u materjal hija ferm meħtieġa għal Kunsill sabiex jiġi mwettaq dak meħtieġ.

f. Laqgħa dwar l-iskart mal-Ministru Leo Brincat, Segretarju Parlamenti Jose' Herrera u d-diriġenti tal-WasteServ Malta Ltd. Is-Sur Baldacchino qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew din il-laqgħa dwar aktar effiċjenza fil-ġbir u seprazzjoni tal-iskart. Waqt din il-laqgħa saru diversi kummenti u għalhekk il-Kunsill qabel li jieħu sehem fil-konsultazzjonijiet u kiteb lil Dr. Kevin Gatt kif hawn indikat:-

- Li jitnehhew l-iskips (bins on wheels) il-hodor minn kull belt u rahal u li jzdiedu l-granet fejn tingabar il-borza l-hadra. Nissugerixxu illi f'dawk is-siti li jingabar l-iskart goff ikun hemm recipjent kbir li jkun dedikat sabiex fih titefa l-borza s-sewda. Dan jassigura li min ikun irid jehles mill-borza s-sewda fil-granet li ma tingabarx, ma jmurx jarmija f'xi postijiet imwarrba jew fit-toroq u b'hekk ma jkunx hemm ir-riskju li jsiru xi mizbliet zghar mhux awtorizzati.

- Servizz ta' eco warden. Dan is-servizz ghandu jinghata f'hinijiet diversi matul il-gurnata, filghaxija u anke matul il-lejl fir-rahal u fil-periferija u anke fil-kampanja. Nissugerixxu illi min jinqabad ghall-ewwel darba, jittiehdu d-dettalji tieghu, jigi mgiel li jnaddaf u imwissi illi jekk jerga' jinqabad ghat-tieni darba jehel multa jew jaghmel xoghol fil-kommunita favur l-ambjent, liema penali tkun tinkludi ukoll dwar dak ir-reat li jkun ikkommetta fl-ewwel darba. Is-sistema tal-eco warden ghandha tigi kompletament integrata fis-sistema ta' infurzar tal-ligi u jitnaqqas sewwa l-infurzar dwar l-ipparkjar etc, u jintefa' l-piz mehtieg fuq l-infurzar dwar il-harsien tal-ambjent. Is-servizz dwar il-harsien tal-ambjent m'ghandux jigi mkejjel b'kemm hemm residenti izda dwar il-qaghda u r-riskju li jkun fih il-lokal bhal kaz taghna il-Gudja li ghalkemm huwa rahal b'popolazzjoni relattivament zghira, tinsab bhala passagg ghal zona industrijali kif ukoll f'riskju li nies barra mill-Gudja jigu jarmu l-iskart taghhom gewwa il-Gudja u fl-inhawi tal-madwar kemm matul il-gurnata kif ukoll matul il-lejl.

- Skart li jigi iggenerat minn entitajiet kummercjali. Il-Kunsill jaqbel illi dawn l-entitatjiet kummercjali kif ukoll hwienet tax-xorb u kazini, ghandhom jirregistraw mal-Kunsill dwar il-htigijiet taghhom dwar il-gbir tal-iskart. Il-Kunsill jissugerixxi izda dwar l-entitajiet kummercjali dawn ihallsu mal-permess zieda addizzjonali dwar il-gbir tal-iskart liema zieda addizjonali tghaddi ghand il-Kunsill mid-Dipartiment tal-Kummerc. Dwar il-kazini u l-hwienet tax-xorb, dawn jigu obbligati u jkun hemm l-infurzar mehtieg sabiex matul is-sena kollha specjalment matul il-granet tal-festi l-hgieg, bottijiet, plastic u affarijiet ohra jigu mqeghda f'recipjenti apposta u mhux jithaltu mal-iskart domestiku. Ghandu jigi l-obbligu ta' kull hanut/kazin ikun mghammar b'recipjenti addattati sabiex ikun jista' jisepara l-iskart fil-kazin/hanut qabel dan jingabar minn fuq il-post minn kolletturi awtorizzati.

- Fdalijiet tan-nar tal-art. Il-fornituri ta' dan in-nar ghandhom jigu obbligati li jnaddfu l-post immedjatament wara li tispicca l-attivita. Filwaqt li jigi assigurat li ma jkunx hemm riskju li xi tfal jilghabu b'xi esplussiv minghajr ma jkunu jafu, jigi ukoll assigurat illi jinzamm l-ambjent kif mixtieq.

- Air pollution. Il-Kunsill Lokali Il-Gudja jigbed l-attenzjoni ukoll illi jinsab mhasseb dwar tniggiz tal-arja u hsejjes ikkawzati mill-attivita kummercjali fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u ghalhekk ghandha tigi infurzata il-pollutor pays policy u li filwaqt li l-hsara ghandha tigi mizmuma fl-livell minimu l-Kunsill ghandu jircievi fondi sabiex bijhom ikun jista' joffri ambjent ahjar lir-residenti.

g. Ħatra t'Ambaxxatriċi. Is-Sur Baldacchino qal li fl-20 ta' Novembru 2013 huwa aġixxa għan-nom tas-Sindku u akkompanja lill Ms. Melanie Bugeja dwar il-ħatra tagħha bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għal-lokalita tal-Gudja.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut.

i. Parteċipazzjoni u ċertifikat mill-Malta Olympic Committee (MOC). Is-Sur Sammut qal li f'isem il-Kunsill huwa kien ippreżentata b'ċertifikat t'apprezzament għal ħidma tal-Kunsill fil-qasam tal-isport u edukazzjoni fiżika u dik sportive.

ii. Kunsill Lokali Żgħażagħ. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kien qed jaħdme sabiex jiġi organizzat il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ġewwa il-Gudja. S'issa kien għad hemm erba' żgħażagħ tfajliet li taw isimhom sabiex jipparteċipaw f'dan il-Kunsill u talab sabiex il-Kunsilliera kollha jgħinu sabiex jinsabu aktar żgħażagħ sabiex issiru

parteċipanti f'dan il-Kunsill speċjalment li issa l-Kunsill Lokali il-Gudja għandu ukoll Ambaxxatrici dwar il-Vot 16.

iii. Vot 16. Is-Sur Sammut qal li huwa qed jaħdem flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Melanie Bugeja sabiex jippromovi l-Vot 16 qalb l-organizazzjonijiet u l-kommunita fil-Gudja.

iv. Proġett Youth in Action. Il-Kunsill ġie aċċettat bħala partner minn organizzajoni (NGO) taż-Żgħażagħ fl-Estonja fil-proġett li huwa qed jorganizzaw fl-ambitu tal-Youth in Action. Il-Kunsill qabel li toħroġ ċirkulari sabiex żgħażagħ jesprimu l-interess tagħhom. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier is-Sur Mark Anthony Sammut li għandu esperjenza f'dan il-qasam jieħu responsabilita' ta' leader f'dan il-proġett u jakkompanja l-grupp fl-Estonja. Iċ-ċirkulari li sjer tintbagħat hija din:-

Il-Kunsill Lokali Il-Gudja għal darb'oħra ġie aċċettat bħala partner fi proġett tal-Youth in Action tal-Unjoni Ewropea ġewwa Sillamäe, l-Estonja. It-titlu tal-proġett huwa "Games of Times". Il-programm huwa varjat ħafna u ser jiffoka fuq logħob tradizzjonali u *outdoor activities* minn kulturi u pajjiżi differenti.

Il-proġett ha jsir bejn l-20 u s-27 ta' Jannar 2014, u huwa miftuħ għal sitt żgħażagħ bejn il-15 u l-25 sena.

L-ispejjeż kollha tal-akkomodazzjoni, trasport, attivitajiet u ikel jitħallsu mill-budget tal-YiA tal-Unjoni Ewropea. Il-parteċipanti jħallsu biss 30% tal-'flight' u 'travel insurance', li b'kollox m'għandhomx jaqbżu l- €200.

Dawk interessati għandhom jimlew il-formula t'hawn taħt u jgħadduha l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja sa nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013.

2.3.0 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dak li intbagħat mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1 Ilmenti. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa konjuzjoni dwar kif il-Kunsill wieġeb u jaġixxi sabiex dawn l-ilment jiġu konsidrati fl-aqsar ħinpossibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u rakkomandazzjoni.

## 4.0 Xogħlijiet u Progress

4.1.0 Triq il-Kbira – kontijiet

4.1.1 Claim tal-WSC. Il-Kunsill reġa' ħa konjuzjoni tal-claim tal-WSC liema claim jinsab fil-kont tad-Denfar Excavators Ltd u għadu ma jarax ir-raġuni għaliex għandu jagħmel ħlas hekk dovut għal xogħol li sar f'isem u għan-nom tal-WSC meta l-Kunsill għamel xogħol ta' resurfacing.

Il-Kunsill reġa' stqarr illi jekk il-WSC tinsisti li l-Kunsill għandu jagħmel dan il-ħlas allura l-Kunsill għandu jirreferi l-każ lill Ombudsman sabiex ikun hemm deċiżjoni finali dwar dan il-ħlas.

4.1.2 Triq il-Kbira, Wesgħet Anglu Dalli, parti minn Triq il-Fidwa u xogħlijiet u ħlasijiet. Tema 6.1; 6.3 ; 8.4; 10.01.

Saret diskussjoni dwar dawn ix-xogħlijiet, stimi u kontijiet u dwar jekk fil-fatt l-ammonti mitluba humiex ġustifikati. Peress li f'dan l-istadju kien hemm il-ħtieġa tal-konsultazzjoni mal-Perit William Lewis (responsabbli mill-proġett) il-Kunsill qabel li jintbagħtu mistoqsijiet lill Perit Lewis dwar il-punti mqajma waqt din id-diskussjoni.

Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju l-laqgħa tiġi sospiża u issir talba lil Perit sabiex jattendi għal laqgħa tal-Kunsill li sejra ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2013 fis-5.45p.m.

Il-Perit Lewis huwa mistenni li jirrispondi għal mistoqsijiet tal-Kunsillieri u jagħti tagħrif ieħor kif ikun meħtieġ.

**Aġġornament**

Peress li kien sar il-ħin il-laqgħa ġie aġġornata fid-8.50p.m. għal nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2013 fis-5.45p.m. sabiex tkompli fuq l-Agenda li diġa ġiet ċirkulata u fejn mistenni li jattendi l-Perit William Lewis sabiex jindirizza l-Kunsill kif indikat aktar il-quddiem f'dawn l-istess minuti.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-